**15 ta' Novembru, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Charles Gatt *noe*

*versus*

Joseph Vassallo Gatt *noe*

**Azzjoni Kambjarja – Eċċezzjonijiet**

*Il-leġislatur ried li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u jiġu deċiżi b'ċelerità u ħeffa insolita. Huwa proprju għalhekk li l-liġi tillimita l-eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw kontra l-possessur tal-kambjala.*

*Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċili soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk jingħataw dawn ma jiġux ikkunsidrati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas ta' l-import ta' kambjali jkun konsiderevolment ritardat u mtawwal; b'hekk jintilef l-iskop kollu ta' l-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi *'Medairco Ltd'*, fis-somma ta' tlettax-il elf, mija tnejn u tletin lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmi (Lm13.132.69);

*Omissis;*

U peress illi l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas 'il fuq imsemmi ammont, huwa xorta waħda baqa' inadempjenti; l-istess attur talab li dispensat is-smigħ tal-kawża skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili u in vista tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur *nomine* hawn annessa u mmarkata bħala Dok. F;

1. Il-konvenut jiġi minn din il-Qorti kkundannat iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tlettax-il elf, mija tnejn u tletin lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm13,32,69) ammont ta' ħames kambjali minnu aċċettati u li skadew kif fuq spjegat;

Bl-ispejjeż u interessi legali mill-iskadenzi relattivi ta' l-imsemmija kambjala kontra l-konvenut;

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 1992 il-konvenut ingħata permess li jikkontesta l-kawża u effettivament eċċepixxa:

Illi x-xogħol li kellu jwettaq l-attur *nomine in parte*, ma sarx, *in parte* sar ħażin u fi kwalunkwe każ ferm wara d-data miftiehma, u għalhekk talba għall-ħlas kif dedotta fiċ-ċitazzjoni hija intempestiva;

Illi ser jittieħdu proċeduri kontra l-attur *nomine* dwar il-pretensjonijiet fuq imsemmija u għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għandha tissoprassjedi pendenti deċiżjoni in mertu;

Illi inoltre *stante* dewmien fit-twettiq ta' l-appalt l-attur *nomine* għandu jħallas lill-konvenut is-somma ta' Lm22,000 bħala penali miftiehma fl-iskrittura tad-29 ta' Ottubru 1991 u għalhekk hemm tpaċija skond il-liġi;

Eżaminat il-provi li tressqu, rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel kwistjoni li trid tiġi risolta hija jekk il-konvenut, f'każa bħal din, ċjoè kawża proposta a bażi ta' ħames kambjali

jistax jagħti l-eċċezzjonijiet li ta. Dawn l-eċċezzjonijiet huma kollha bbażati fuq l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur ma esegwiex sewwa l-appalt li tah. Il-konvenut jippretendi li m'għandu jħallas xejn lill-attur, qabel dan jesegwixxi sewwa u kompletament l-appalt u qabel l-attur iħallas il-penali pretiża minnu. L-attur, min-naħa l-oħra, issottometta li dawn l-eċċezzjonijiet huma inammissibbli f'kawża kambjarja bħal ma hija dik odjerna;

Illi l-artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jipprovdi hekk:

"(1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu fil-kawża li tkun miexja;

(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala bil-garanzija jew mingħajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'għandhiex tkun imdewma";

Jidher ċar li l-leġislatur irid li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u jiġu deċiżi b'ċelerità u ħeffa insolita. Huwa proprju għalhekk li l-liġi tillimita l-eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw kontra l-pussessur tal-kambjala;

Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċili soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul, ma jistgħux jingħataw u jekk jingħataw dawn ma jiġux ikkonsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas ta' l-import ta' kambjali jkun konsiderevolment irritardat u mtawwal. Dan mhux permess, għax altrimenti jintilef l-iskop kollu ta' l-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi

mgħaġġla tal-krediti kummerċjali;

Ikkunsidrat:

Illi jidher ċar li l-eċċezzjonijiet li qajjem il-konvenut f'din il-kawża ma humiex ta' faċili soluzzjoni. Jinħtieġu eżami li jieħu ż-żmien. Jinħtieġu n-nomina ta' esperti tekniċi biex jiġi stabbilit jekk l-appalt ġiex esegwit kollu, jekk ix-xogħol sarx skond l-arti u s-sengħa u jekk il-konvenut huwiex intitolat għal xi penali f'każ li fl-esekuzzjoni l-appalt ma kienx skond il-liġi;

Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li dawn l-eċċezzjonijiet, li kieku kellhom jiġu investigati f'din il-kawża, ikollhom effet li l-ħlas tal-kambjali jisfa imdewwem, kontra dak li espressament tippreskrivi l-Liġi bl-artikolu fuq iċċitat. Issir riferenza għall-Kollez. Vol. XXIX.I.1528: Qorti ta' l-Appell 22-11-1937: **Mallia vs Accarino** fejn il-Qorti ta' l-Appell ħassret in-nomina ta' Perit li saret mill-ewwel Qorti billi ġie rritenut illi l-ewwel Qorti:

"Ma setgħetx tipproċedi għan-nomina ta' perit bl-inkarigu li jidħol fl-indaġini ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li mingħajr dubju huma ta' indaġini twila u kkomplikata. Għalhekk in-nomina ta' Perit ma hemmx lok għaliha u l-ewwel Qorti għandha tipproċedi għad-deċiżjoni tal-kawża";

Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti, kif ippresjeduta, fl-ismijiet "**Lia vs Dalli**" mogħtija fis-26 ta' Jannar 1989 fejn is-suġġett ġie approfondit aktar;

Illi r-raġuni ġuridika tal-prinċipju bażiku li eċċezzjonijiet li jinħtieġu indaġini fit-tul ma jiġux ikkonsiderati f'azzjoni

kambjarja, toħroġ mill-fatt li, appena kambjala tiġi ammessa, tiġi kkreata obbligazjoni *"ad hoc"*, għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet ippreċedietha. Għalhekk f'kawża bħal din, l-eċċezzjonijiet ammissibbli huma ġeneralment limitati għall-kambjala nnifisha u bħala regola m'għandhomx jiġu permessi eċċezzjonijiet li jikkonċernaw obbligazzjonijiet preċedenti;

Illi applikat dan kollu għall-kawża odjerna, ma jistax ikun hemm dubju li l-eċċezzjonijiet imqajma mill-konvenut f'din il-kawża huma inammissibbli a tenur ta' l-artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur għamel prova sodisfaċenti tal-kreditu tiegħu a bażi tal-kambjali aċċettati u skaduti u li ma ġewx imħallsa mill-konvenut u għalhekk hemm lok li tintlaqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni. Biex tevita ekwivoċi, il-Qorti trid tirriserva kwalunkwe dritt li l-konvenut jippretendi li għandu fil-konfront ta' l-attur, kif semma fl-eċċezzjonijiet li ta f'din il-kawża u għalhekk hu riservat id-dritt lill-konvenut li jekk irid jistitwixxi kawża *"ad hoc"* biex iressaq il-pretensjonijiet tiegħu kontra l-attur odjern. *In vista* ta' l-iskrittura bejn il-kontendenti tas-27 ta' Frar 1992 (esibita a fol. 26 tal-proċess) din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx lok li tiġi imposta fuq l-attur l-għoti ta' ebda garanzija a tenur ta' l-artikolu 198(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Għal dawn il-motivi:

Tiddikjara l-eċċezzjonijiet li ta l-konvenut inammissibbli

f'din il-kawża u prevja li tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* tikkundanna lill-konvenut *nomine* li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm13,232.69 (tlettax-il elf, mija tnejn u tletin lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu) import tal-ħames kambjali esebiti bl-imgħax kummerċjali mill-iskadenzi relattivi ta' kull kambjala u bl-ispejjeż kollha a kariku tal-konvenut *nomine* li lilu jibqa' riservat kull dritt lilu spettanti "*si et quatenus*".